MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 79/2010/1

**Cecil Pace**

**v.**

**Onorevoli Prim Ministru u Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

**1.** Dan hu appell ad istanza tar-rikorrent appellant minn sentenza mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2011 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li permezz tagħha dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati u laqgħet l-eċċezzjonijiet tagħhom fil-mertu u

konsegwentement ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent appellant bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

**Ir-rikors promotorju tar-rikorrent Cecil Pace**

**2.** Bir-rikors tieghu tal-14 ta’ Diċembru 2010, ir-rikorrent appellant talab lill-ewwel Onorabbli Qorti tiżgura t-twettieq tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq garantit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319) billi (1) tiddikjara illi l-ordni biex il-kawżi kollha tal-esponenti jiġu ri-assenjati hija bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 12 dwar astensjoni jew rikuża tal-Imħallfin u għalhekk tivvjola d-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq u hija minnha nfisha diskriminatorja; (2) tiddikjara illi d-dispożizzjoni tal-Kapitolu 12 u r-Rule of Court maħruga taħtha li tagħti lill-Prim Imħallef din is-setgħa li jneħħi l-kawżi kollha ta’ xi persuna jew entita` partikolari minn quddiem ġudikant jew ġudikanti u li jordna li dawn jinstemgħu kollha minn ġudikant ieħor partikolari, in sostituzzjoni tal-ġudikanti preċedenti, senjatament is-subinċiż (7) tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 12 kif applikat fil-każ preżenti, imur kontra r-Rule of Law u jmur kontra wkoll il-garanzija ta’ smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali; u konsegwentement; (3) tordna t-tħassir tal-ordni biex il-kawżi kollha tiegħu ma jkomplux jinstemgħu quddiem l-Imħallfin li bħalissa qegħdin jisimgħuhom iżda jiġu ri-assenjati lil Imħallef wieħed, u (4) tordna li l-kawżi jerġgħu jitqegħdu kif kienu qabel ma ħareg dan l-ordni antikostituzzjonali. Bl-ispejjeż.

**3.** Il-premessi ta’ fatt fir-rikors promotorju tal-ġudizzju li fuqhom ir-rikorrenti appellanti bbażaw it-talbiet tagħhom huma s-segwenti:

“Illi l-esponent huwa parti f`madwar ghoxrin (20) kawza civili li hemm pendenti quddiem il-Qrati ta` pajjizna, presjeduti minn Imhallfin differenti. Dawn il-kawzi civili saru kontra l-Kontrolluri li minn zmien ghal zmien kienu gew mahtura ghall-Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited;

“Illi fost dawn il-kawzi hemm Citazzjoni Numru 328/89, 174/89, 146/89, 641/01, 1106/86, 260/89, 311/89, 291/89, 404/89, 23/08, 206/89, 235/89, 682/91, 452/89, 501/89. Uhud minn dawn il-kawzi civili jinsabu diga` differiti ghas-sentenza;

“Illi recentement, bi qbil bejn il-partijiet u b`ordni tal-Qorti Civili Prim`Awla gie mfassal pjan sabiex isiru ghadd konsiderevoli ta` seduti f`perijodu ta` zmien qasir, minn dan ix-xahar ta` Ottubru sa Dicembru ta` dina s-sena, bilghan li dawn il-kawzi kollha, li ilhom pendenti ghal hafna snin, jinghataw spinta kbira lill-parti l-kbira taghhom. B`hekk, wara li fi zmien relattivament qasir ikunu ngabru lprovi kollha li fadal biex jitressqu, il-kawzi jkunu jistghu jigu ttrattati u decizi. L-ghan ta` dan huwa li kemm jista` jkun jigi rispettat id-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli;

“Illi b`kuntrast ma` dan kollu, issir riferenza ghallkawza Citazzjoni Numru 235/89GCD fejn l-andament talkawza mhux qed iwassal ghal smigh fi zmien ragonevoli, kif jigi muri ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Illi f`Gunju ta` din is-sena, ftit qabel ma ghalqet issena forensi, is-Sinjurija Tieghu l-President tal-Qorti ordna li l-kawzi kollha tal-esponent jigu differiti sabiex ikomplu jinstemghu minn Imhallef wiehed partikolari, jigifieri l-Onorevoli Imhallef Giannino Caruana Demajo;

“Illi apparti li decizjoni bhal din ma hemm l-ebda precedent ghaliha peress illi l-kawzi civili jkomplu jinstemghu mill-istess Imhallef sakemm ma tinqalax xi cirkostanza valida fil-ligi li timpedixxi milli jsir hekk bhal meta Imhallef jirtira minhabba l-eta`, is-sostituzzjoni ta` Imhallef sedenti permezz ta` Imhallef iehor sedenti tmur kontra l-artikoli 733 u 734 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, li jipprovdu ghal sostituzzjoni ta` Imhallef fil-kaz biss li jkun hemm raguni kontemplata fil-ligi ghal astensjoni jew rikuza ta` Imhallef;

“Illi l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ta` pajjizna gia` kienet stabbiliet principji sodi fir-rigward ta` haga bhal din, meta

ddikjarat il-Qorti tal-Appell temporanja bhala antikostituzzjonali;

“Illi m`hemm xejn hazin filli l-Prim Imhallef ikollu ssetgha li jassenja x-xoghol kif mehtieg mil-lat amministrattiv. Izda qatt ma kienet jew qatt ghandu jkun illi, waqt li l-kawza tkun qed tinstema` minn Imhallef, ikun min ikun, dan jigi sostitwit minghajr ma jkun hemm raguni serjissima sabiex issir bidla bhal din. Hu proprju ghalhekk illi d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 12 dwar astensjoni jew rikuza ta` Imhallef jigu applikati rigorozament u bl-aktar mod strett;

“Illi skond il-gurisprudenza ta` pajjizna kif ukoll dik ewropea, il-gustizzja mhux biss trid issir izda ghandu jidher li qieghda ssir, u dan minghajr l-ebda indhil mhux gustifikat fl-andament tal-kawzi. It-tnehhija ta` kawza minn quddiem Imhallef sabiex tigi assenjata lil Imhallef iehor tista` taghti lok ghal abbuz serju fl-amministrazzjoni tal-gustizzja sakemm ma jkunx hemm gustifikazzjoni kompleta ghala jkun qed isir hekk. Din mhix biss kwistjoni ta` apparenza izda kwistjoni ta` sustanza;

“Illi d-dispozizzjoni fir-Rules of Court li taghti lill-Prim Imhallef dina s-setgha li jnehhi l-kawzi kollha ta` xi persuna jew entita` partikolari minn quddiem gudikant jew gudikanti u li jordna li dawn jinstemghu kollha minn gudikant iehor partikolari, in sostituzzjoni tal-gudikanti precedenti, jmur kontra lgaranzija ta` smigh xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali u ghalhekk qieghda tigi attakkata;

“Illi kwazi erbghin (40) sena ilu l-esponent gie mnezza u svestit mill-proprjeta` privata tieghu u mill-assi sostanzjali kollha tieghu minghajr rendikont u minghajr mal-amministratur gie marbut li jaghti kont ta` ghemilu, u dan bi pregudizzju serju ghal dawk kollha interessati. Ghalhekk, huwa dritt fondamentali tieghu li jkollu smigh xieraq fil-kawzi kollha tieghu u mhux dawn il-kawzi kollha jintbaghtu minn quddiem diversi Imhallfin ghal quddiem Imhallef wiehed bhalhom bhallikieku biex jiddisponi minnhom. Dina l-mizura hija palesament kontra r-retta

amministrazzjoni tal-gustizzja u ghalhekk tikkostitwixxi theddida serja ghad-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli;"

**Ir-risposta tal-Onorevoli Prim Ministru u tal-Avukat Ġenerali**

**4.** Illi fir-risposta tagħhom tat-12 ta' Lulju 2009, l-intimati appellati, l-Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali eċċipew in linea preliminari li r-rikorrent għad għandu rimedju ordinarju li m'eżawriex qabel beda din il-proċedura kostituzzjonali u dan għaliex jekk ir-rikorrent qed isib diffikulta` bil-fatt li s-smigħ tal-kawżi kollha tiegħu se jsir mill-Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo u qed jallega a priori li dan il-fatt se jilledilu ddrittijiet fundamentali tiegħu, ir-rikorrent jista' faċilment jitlob ir-rikuża tal-istess Imħallef jekk iħoss illi ċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jistgħu legalment jeradikaw tali talba u ladarba dan ir-rimedju għad mhux eżawrit il-Qorti ġiet mistiedna tuża d-diskrezzjoni tagħha u tastjeni milli tisma' dan il-każ ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet stante l-eżistenza ta' mezzi ordinarji ta` rimedju.

**5.** Fil-mertu, l-istess intimati appellati sostnew li ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent appellant la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni Ewropeja għar-raġunijiet mogħtija fir-risposta li kkonkludewha billi talbu lill-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontrih.

**Is-sentenza appellata**

**6.** Fis-sentenza tagħha appellata l-ewwel Qorti, wara li rriproduċiet il-kontenut tar-rikors promotorju tal-ġudizzju u tar-risposta fuq imsemmija, għamlet ri-assunt tad-depożizzjonijiet tax-xhieda prodotti mir-rikorrent appellant li minnhom jirriżultaw il-fatti li fuqhom qed iserraħ it-talbiet tiegħu r-rikorrent u għaddiet biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha li wassluha għad-deċiżjoni tagħha fuq riportata. Peress li ma sar ebda appell mid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti dwar l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta'

eżawriment da parti tar-rikorrent tar-rimedju ordinarju allegat mill-intimati appellati din il-Qorti ser tillimita ruħha għall-konsiderazzjonijiet fil-mertu li għamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata wara li rriproduċiet id-dispożizzjonijiet legali relevanti u s-sottomissjonijiet ewlenin tal-partijiet. Il-konsiderazzjonijiet fil-mertu fis-sentenza appellata relevanti għall-appell preżenti kif issa arġinat, u li kienu preċeduti b'rassenja ta' ċitazzjonijiet dottrinali u ġurisprudenzjali, ser jiġu hawn riprodotti għall-aħjar intendiment ta' din is-sentenza ta' din il-Qorti u huma dawk li ġejjin:

**"Ikkunsidrat :**

"Din il-Qorti qieset b`reqqa r-ragunijiet li gab ir-rikorrent sabiex bl-azzjoni tieghu jimpunja kemm id-disposizzjoni kif ukoll id-decizjoni li biha l-Onor. Prim`Imhallef caqlaq minn quddiem diversi Imhallfin ghal quddiem Imhallef wiehed il-kawzi kollha li ghadhom pendenti fejn hemm involut il-BICAL jew il-kumpanniji li jaqghu taht il-Kontrollur u li fihom r-rikorrent ghandu interess. U, minghajr l-icken esitazzjoni, tghid li la d-disposizzjoni *ut sic* u lanqas id-decizjoni *per se* tal-Onor. Prim`Imhallef ma huma sejrin jiksru dak li jipprovdi l-Art.6(1) tal-Konvenzjoni, u lanqas ma huma se jgibu fix-xejn il-principju li l-Gustizzja mhux biss trid issir izda trid tidher li qeghda ssir.

"Bid-decizjoni tal-Onor. Prim` Imhallef skond l-Art.29(8) tal-Kap.12 li l-kawzi in kwistjoni jigu trattati u decizi minn Imhallef wiehed, minflok jibqghu mxerrdin fost diversi Imhallfin, din il-Qorti tghid li baqghu tutelati xorta ddrittijiet u l-garanziji **kollha** (minghajr eccezzjoni) tal-partijiet ghal smigh xieraq. Ghall-istess raguni, id-disposizzjoni *per se* bl-ebda mod ma xxellef it-tuteli li jesigi d-dritt ghal smigh xieraq.

"Bhala fatt l-*iter* ta` kull kawza se jkompli quddiem l-Imhallef appuntat biex jisma` l-kawzi kollha mill-istadju ta` fejn il-kawza kienet waslet quddiem l-Imhallef precedenti. Ma hemm assolutament xejn straordinarju f`dak anke kunsidrat il-fatt li ta` spiss, minhabba raguni jew ohra, jigri li kawza tibda tinstema` minn Imhallef partikolari u tispicca

tkun deciza minn Imhallef iehor. Il-bdil tal-gudikant qatt ma ssir b`kapricc izda ssir fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-Gustizzja. U hekk ghandu jitqies il-kaz tal-lum. Li huwa importanti u ta` serhan tal-mohh ghall-partijiet huwa l-fatt li kull prova li tkun lahqet ingabret sal-mument tat-trapass minn Imhallef ghal iehor, kull digriet jew provvediment li jkun inghata, u kull procedura li tkun saret sa dakinhar tibqa` veljanti u effettiva propju ghaliex il-kawza fl-interezza taghha sejra tibqa` dik li hi bl-unika differenza tkun li l-Imhallef li sejjer jiddeciedi dik il-kawza mhux se jkun dak li beda jisma` l-istess kawza fil-bidu jew f`xi stadju ta` wara taghha.

“Ir-rikorrent mhux qieghed jilmenta li kien privat mid-dritt ghal smigh xieraq quddiem Imhallfin ohra fil-kawzi in kwistjoni. Mhuwiex qed jilmenta li dak kollu li sar f`kull wahda minn dawk il-kawzi kien sal-lum irregolari jew lesiv ghad-drittijiet tieghu, u kwindi ma jistax jitlaq mill-premessa li mil-lum `il quddiem bil-fatt li l-kawzi tieghu gew assenjati lil Imhallef wiehed id-dritt tieghu ghal smigh xieraq se jkun vjolat a *priori*.

“Din il-Qorti tghid li kemm id-disposizzjoni kif ukoll ttwettieq taghha, *the rule of law* kif ukoll *due process* sejrin jibqghu mharsa ghaliex id-drittijiet kollha tal-partijiet, inkluz tar-rikorrent, sejrin jibqghu tutelati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Dan ighodd ghal kull ma jikkomprendi l-koncett ta` *due process*. Ir-rikorrent ma huwa se jinkorri lebda *actual prejudice* ghaliex dak li sar, twettaq jew inkiseb fid-diversi kawzi qabel il-bidla tal-Imhallef se jibqa` intatt; inoltre id-dritt car, prattiku u effettiv tar-rikorrent ghal Qorti tal-Gustizzja se jibqa` dak li kien qabel id-decizjoni tal-Onor. Prim`Imhallef u sejjer jibqa` mhux mittiefes id-dritt tieghu ta` appell.

“Ghalkemm fil-kawza tal-lum provi fis-sens li gej ma tressqux, il-bwon sens jiddetta li r-raguni tal-Onor. Prim`Imhallef illi l-kawzi in kwistjoni jmorru kollha quddiem Imhallef wiehed kienet dettata mill-fatt li sabiex ma jkunx hemm aktar dewmien fid-decizjoni ta` dawk il-kawzi, kien fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-Gustizzja li dawk il-kawzi jingabru flimkien sabiex jigu decizi lkoll minn

Imhallef wiehed. Is-sens ta` *the rule of law* ma ghandux iwassal lir-rikorrent sabiex, fl-assenza ta` prova kuntrarja, jissupponi li divers seta` kien l-iskop tal-Onor. Prim`Imhallef fit-twettieq u fl-esercizzju tad-diskrezzjoni tieghu skond id-disposizzjoni *de qua*.

“Huwa dak id-dewmien li jmur ben oltre l-limitu tar-ragonevoli fid-decizjoni tal-kawzi li jikser id-dritt tas-smigh xieraq skond l-Art.6 tal-Konvenzjoni. Din tqieghed fuq l-Istati membri d-dmir li jorganizzaw is-sistema gudizzjarja taghhom b`mod u manjiera li l-Qrati ikunu jistghu jikkonformaw ma` dak li jirrikjedi l-Art.6. Kemm id-disposizzjoni *ut sic* kif ukoll it-twettieq taghha fil-mertu tal-kawza tal-lum huma pass konkret `il quddiem li jissarraf f`osservanza tal-ispirtu tal-Art.6 fil-kuntest ta` mizuri ntizi sabiex propju ma jkunx hemm dewmien bla bzonn fid-decizjoni ta` dawk il-kawzi. Ir-rikorrent ma jistax jallega li *the rule of law* kienet vjolata fil-konfront tieghu meta d-disposizzjoni nnfisha u l-uzu taghha saru propju sabiex id-dritt tal-partijiet ghal gustizzja fi zmien ragonevoli jibqa` effettiv u garantit mill-gudizzju ta` Qorti li skond il-Kostituzzjoni ta` Malta hija organu gudizzjarju indipendenti u mparzjali.

“Din il-Qorti tibqa` ssostni li l-ebda wiehed mid-drittijiet tar-rikorrent li huma mharsa mill-Art.6(1) ma gew vjolati bid-disposizzjoni de qua u bl-implimentazzjoni taghha. Minghajr ma jgib provi cari u inekwivoci, ir-rikorrent ma jistax jaghmel l-argument li fil-konfront tieghu mhux se jkunu garantiti l-*standards* ta` gustizzja li huma vitali ghall-esistenza ta` *the rule of law.* Anzi jidher ben evidenti li l-principju tal-*equality of arms* fejn mhux biss ir-rikorrent izda anke l-avversarji tieghu se jibqghu bl-istess drittijiet u obbligi procedurali u sostantivi se jibqa` garantit. Kull parti sejra tibqa` bl-opportunita` li tressaq b`mod adegwat il-kaz taghha nkluz li tressaq il-provi minghajr ma ggarrab l-ebda zvantagg sostanzjali fil-konfront tal-parti l-ohra.

“Din il-Qorti qieset bir-reqqa l-*Magna Carta of Judges* li ghaliha saret riferenza mir-rikorrent. Tghid pero` li la d-disposizzjoni u lanqas it-twettieq taghha fil-kaz tal-lum ma jmorru kontra l-principji hemm enuncjati. In partikolari

b`ebda mod ma jistax jinghad li d-disposizzjoni u t-twettieq taghha jilledu l-indipendenza u l-imparzjalita` tal-Imhallef. Certament ma jistax jinghad li dan huwa kaz ta` *improper influence from within the judicial system either by other judges or by the judicial authorities.* Ma hemm l-ebda prova li bil-fatt li Imhallef partikolari sejjer jisma` u jiddeciedi l-kawzi kollha in kwistjoni huwa se jkollu sens ristrett jew limitat ta' gudizzju u ta` Gustizzja, jew li se jgarrab xi pressjoni, jew tfixkil fil-qadi ta` dmirijietu."

**7.** L-ewwel Qorti imbagħad iddisponiet mill-kawża kif fuq ingħad billi ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati u laqgħet l-eċċezzjonijiet tagħhom fil-mertu u konsegwentement ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti appellant bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

**L-appell tar-rikorrent Cecil Pace**

**8.** L-appellant Cecil Pace ħassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Ottubru 2011 u interpona dan l-appell minnha permezz ta' rikors tal-21 ta' Ottubru 2011 fejn talab li s-sentenza appellata tiġi riformata billi tiġi kkonfermata inkwantu ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati u tiġi revokata, annullata u mħassra inkwantu ddeċidiet li tiċħad it-talbiet tar-rikorrent. Bl-ispejjeż.

**9.** L-aggravji tal-appellant sostanzjalment jikkonsistu fis-segwenti:

(1) il-miżura inkwistjoni hi waħda *ad hominem* li neċessarjament u *per definizione*, skont l-appellant, hi diskriminatorja;

(2) il-miżura inkwistjoni ttieħdet bi vjolazzjoni tal-hekk msejjħa *Magna Carta of Judges* maħruġa mill-*Consultative Council of European Judges* u approvata mill-*Council of Ministers;*

(3) il-miżura inkwistjoni ttieħdet bi vjolazzjoni tal-Artikoli 733 u 734 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdu għal sostituzzjoni ta' Imħallef fil-każ biss li jkun hemm

raġuni kontemplata fil-liġi għal astenzjoni jew rikuża ta' Imħallef, li ma kienx il-każ.

**Ir-risposta tal-appell tal-Onorevoli Prim Ministru u tal-Avukat Ġenerali**

**10.** Fir-risposta tagħhom tat-3 ta' Novembru 2011 l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali wieġbu għar-rikors tal-appell billi wara li rribattew dak kollu sottomess fl-istess rikors għamlu riferenza għall-provi miġjuba u rriżervaw li jressqu dawk il-provi kollha li jistgħu jirriżultaw neċessarji u permissibbli u talbu lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant Cecil Pace.

**Fatti tal-kawza**

**11.** B'ordni tal-25 ta' Ġunju 2010, tal-Prim' Imħallef fil-kariga dak iż-żmien tmintax-il kawża li kienu pendenti fil-Qrati quddiem Imħallfin diversi ġew trasferiti b'effett immedjat mill-Qorti kif ippreseduta qabel l-ordni ta' trasferiment għall-Qorti ppreseduta mill-Imħallef Giannino Caruana Demajo. F'ħames mill-kawżi trasferiti, ir-rikorrent appellant ma kienx jiffigura bħala wieħed mill-partijiet mentri fil-kumplament tal-kawżi kien jiffigura jew bħala attur jew bħala konvenut. Kawża oħra li fiha kien parti r-rikorrent appellant u li kienet ġia` pendenti quddiem l-Imħallef Caruana Demajo qabel l-ordni msemmi baqgħet quddiem l-istess Imħallef. Ir-rikorrent appellant oġġezzjona għal din ir-ri-assenjazzjoni u għamel il-kawża odjerna.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**12.** L-appellant jilmenta li t-trasferiment li sar tal-kawżi msemmija kienet miżura *ad hominem* u inkwantu tali neċessarjament diskriminatorja. Ma jirriżultax ċar x'inhi t-tifsira li r-rikorrent qiegħed jagħti lill-espressjoni *ad hominem* iżda jidher li sostanzjalment b'dik l-espressjoni qiegħed jallega li l-miżura li ttieħdet hekk ittieħdet bil-mira li tolqot unikament lilu u l-kawżi fejn huwa kien parti. Din l-

allegazzjoni, iżda, bħala fatt ma hix sorretta mill-provi għaliex l-ordni kienet fir-rigward tal-kawzi kollha li fihom kien involut l-ex Bank of Industry and Commerce Limited (BICAL) rappreżentat mill-Kontrollur in kariga minn żmien għal żmien. Di fatti f'ħamsa mill-kawżi trasferiti, ir-rikorrent ma kienx jiffigura bħala parti la bħala attur u anqas bħala konvenut.

**13.** Għalhekk ma jirriżultax li l-ordni inkwistjoni kienet intiża sabiex tolqot biss il-kawżi li fihom ir-rikorrent kien parti iżda jidher li kienet intiża, u hekk sar, sabiex tiġbor flimkien taħt Imħallef wieħed diversi kawżi tal-istess xorta u ċioe` dawk il-kawżi li kienu qed isiru fil-konfront tal-ex BICAL u li għalhekk setgħu jkunu ta' intralċ għal xulxin bi preġudizzju għall-ispeditezza tal-proċeduri inkwistjoni u eventwalment għall-ispeditezza tal-likwidazzjoni u distribuzzjoni tal-assi tal-istess Bank.

**14.** Anki meta xehed ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali u ġie mistoqsi kienx ġab miegħu xi dokumenti biex jesebihom, dan wieġeb li *"Iva, l-ordni tal-Prim' Imħallef biex il-kawżi tal-Bical jiġu trasferiti taħt Imħallef wieħed"*. Hekk ikkaratterizah l-ordni inkwistjoni; bħala li kien immirat lejn ċertu <u>xorta ta' kawża</u> huma min huma l-partijiet f'dik il-kawża. Għalhekk ma jirriżulta ebda intralċ fil-proċeduri li fihom huwa parti r-rikorrent bil-ħsieb li r-rikorrent jiġi ppreġudikat fil-proċeduri kontra tiegħu a benefiċċju ta' xiħaddieħor kif donnu jrid jimplika r-rikorrent. Anqas jirriżulta li r-rikorrent ġie effettivament preġudikat bil-miżura li ttieħdet a vantaġġ ta' xiħaddieħor. Anzi, tenut kont tal-fatt li iben u wkoll konsulent tar-rikorrent ilmenta fid-depożizzjoni tiegħu li f'ħafna mill-kawżi msemmija ma setax isir progress għaliex daqqa l-kontrollur ma jidhirx, jew jonqos milli jipproduci d-dokument li jiġi mitlub jesibixxi, jew għaliex ikun msiefer, jew għaliex ikun ma jiflaħx, il-ġbir tal-kawżi kollha quddiem Imħallef wieħed, minflok jibqgħu sparpaljati quddiem diversi Imħallfin, għandu jkollu l-effett li jkun hemm ġestjoni aħjar u ko-ordinament aħjar tal-proċeduri tad-diversi kawżi u tas-sentenzi u digrieti li jingħataw. U dan ċertamet għandu jkun ta' benefiċċju, u mhux ta' preġudizzju, għad-dritt ta' smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli.

**15.** Ir-rikorrent jgħid li l-miżura inkwistjoni inkwantu, kif imsejħa minnu, *ad hominem* hi neċessarjament diskriminatorja. U dan donnu għaliex hu tal-fehma li jekk miżura tittieħed biss fil-konfront ta' persuna waħda allura tkun neċessarjament diskriminatorja għaliex ma tkunx ittieħdet fil-konfront ta' ħaddieħor. Dan hu pależament skorrett għaliex mhux kull trattament differenzjat neċessarjament jammonta għal diskriminazzjoni. Jekk ikun hemm raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-teħid ta' miżura fil-konfront ta' persuna iżda mhux fil-konfront tal-persuni l-oħra kollha ebda diskriminazzjoni ma tavvera ruhha. Inoltre jekk il-persuni ma jkunux fl-istess pożizzjoni jew tal-anqas f'pożizzjoni sostanzalment simili wkoll ma tkun tirriżulta ebda diskriminazzjoni. Għalhekk miżura, kif msejħa mir-rikorrent, *ad hominem* ma hix neċessarjament jew per definizzjoni diskriminatorja kif jallega hu.

**16.** Fil-każ tal-lum ir-rikorrent jallega li hemm persuni oħra li wkoll għandhom diversi kawżi quddiem il-Qorti fuq l-istess materja jew bejn l-istess partijiet u fil-konfront tagħhom ma tteħdietx l-istess miżura. Din l-allegazzjoni, iżda, baqgħet allegazzjoni għaliex ma nġiebet ebda prova ta' dawn il-kawżi sabiex ikunu jistgħu jiġu eżaminati u jkun jista' jiġi stabbilit jekk hux qed verament nitħaddtu dwar sitwazzjonijiet identiċi jew tal-anqas sostanzjalment simili.

**17.** Dan ifisser li l-karatterizzazzjoni tal-ordni inkwistjoni da parti tar-rikorrent bħala miżura *ad hominem* ma tirriżultax korretta u ma hix sostanzjata mill-provi.

**18.** Bl-Imħallef Giannino Caruana Demajo jippresjedi l-kawżi trasferiti minflok l-Imhallfin li kienu jippresjedu l-kawżi qabel, il-Qorti ma hix ser tkun oġġettivament anqas indipendenti jew anqas imparzjali mill-Qorti kif kienet preċedentment preseduta u anqas biss ġie allegat li hemm xi *bias* soġġettiv fl-Imħallef Caruana Demajo.

**19.** L-ordni tal-Prim' Imħallef ingħata in forza tal-liġi, speċifikatament l-Artikolu 29(8) tal-Kap. 12 (u mhux, kif sottomess fir-rikors promotorju tal-ġudizzju, in forza tas-subinċiż (7) tal-istess Artikolu 29 u/jew xi *Rule of Court*

taħtha), li tawtorizzah jittrasferixxi kull kawża minn Qorti għal oħra *purche`* li fl-eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni jiddiskuti l-kwistjoni mal-imħallfin interessati waqt xi waħda mill-laqgħat imsejħa għal dan il-ġħan. Di fatti rriżulta li hekk kien il-każ peress l-istess ordni jgħid li sar *"wara laqgħa msejjħa a tenur tal-Artikolu 29(6) tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili"* u ma nġiebet ebda prova kontrarja. Inoltre, l-Imħallef li ppresjeda fl-ewwel istanza wkoll iddikkjara fil-Qorti fil-miftuħ fil-preżenza tal-konsulent legali tar-rikorrent li l-istess Imħallef kien preżenti għall-inkontru ma' Imħallfin oħra fejn kien mgħarraf illi kawżi li kienu jinvolvu l-BICAL kienu ser jiġu trasferiti quddiem l-Imħallef Giannino Caruana Demajo u dan mingħajr ma pprovokat xi reazzjoni da parti tal-konsulent tar-rikorrent. Għalhekk l-ordni relevanti ingħata skont il-liġi minn awtorita` ġudizzjarja bl-attributi kollha ta' indipendenza u imparzjalita` ta' ġudikant u mingħajr l-intervent la tal-Eżekuttiv jew ta' xi ħadd ieħor li seta' kellu interess fl-eżitu tal-kawżi milquta.

**20.** Saret riferenza mill-appellant ghall-*Magna Carta of Judges* u partikolarment għal dak li l-appellant irrefera għalih bħala r-regola 22. U hawn l-appellant iġġenera ftit tal-konfużjoni mhux ħażin għaliex dik li sejjaħ ir-regola 22 li ċċita ma hix meħuda mill-*Magna Carta of Judges* iżda mir-rakkomandazzjoni Rec(2010)12 approvata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-17 ta' Novembru 2010. Din tal-aħħar ma ġietx esebita mill-appellant għaliex dak li gie effettivament esebit minnu, apparti l-*Magna Carta,* huwa dak li jidher li hu proġett ta' *explanatory memorandum* dwar ir-rakkomandazzjoni msemmija u mhux ir-rakkomandazzjoni nfisha. Il-materja trattata fil-paragrafu 22 tal-*Carta* ma għandha x'taqsam xejn mal-materja trattata fil-paragrafu 22 tar-rakkomandazzjoni Rec(2010)12 u dak li ċċita l-appellant hu kjarament din ir-rakkomandazzjoni u mhux il-*Carta*. Dak li fil-*Carta* jittratta *se mai* l-istess materja hu l-paragrafu 10 tagħha. Dan qiegħed jingħad sabiex jiġi ristabbilit ftit ordni fid-diżordni li ħoloq l-appellant dwar id-dokumenti li minnhom kien qiegħed jiċċita u li jidher li wkoll ħallew lill-ewwel Qorti ftit perplessa.

**21.** Għandu jingħad qabel xejn li dak li din il-Qorti hi msejjħa tagħmel f'dawn il-proċeduri hu li tinterpreta u tapplika għall-fatti ta' dan il-każ l-artikolu relevanti tal-Konvenzjoni, ċioe` l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja (għaliex ir-rikorrent appellant ma invokax l-artikolu korrispondenti tal-Kostituzzjoni). Kwalunkwe dokument ieħor jista' jkun ta' għajnuna għall-eżerċizzju li trid tagħmel din il-Qorti biex idawwal it-tifsira tal-artikolu relevanti tal-Konvenzjoni iżda ebda dokument tali ma jista' jkun waħdu determinanti ta' dak li jrid jiġi deciz minnha.

**22.** Il-paragrafu 10 tal-*Magna Carta of Judges* approvata mill-Kunsill Konsultattiv ta' Mħallfin Ewropew fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa jipprovdi li:

*"In the exercise of their function to administer justice, judges shall not be subject to any order or instruction or to any hierarchical pressure, and shall be bound only by law"*

**23.** Il-paragrafu 22 tar-Rakkomandazzjoni Rec(2010)12 tal-Kunsill tal-Ewropa imbagħad jelabora fuq il-prinċipju fuq imsemmi kif ġej:

*"The principle of judicial independence means the independence of each individual judge in the exercise of adjudicating functions. In their decision making judges should be independent and impartial and able to act without any restriction, improper influence, pressure, threat or interference, direct or indirect, from any authority, including authorities internal to the judiciary. Hierarchical judicial organisation should not undermine individual independence."*

**24.** Fiż-żewġ siltiet ċitati, għalhekk, jirriżulta kjarament li dak li jimpinġi fuq l-indipendenza tal-ġudikatura ma hux kull intervent fl-organiżżazzjoni tax-xogħol tal-Qrati iżda dak l-intervent li jinterferixxi fl-eżerċizzju tal-<u>funzjoni aġġudikanti</u> tal-ġudikant. Fil-każ odjern ma kien hemm ebda tali interferenza. L-ordni tal-Prim' Imħallef ma kienet tagħti ebda struzzjoni jew direzzjoni lil ebda ġudikant dwar kif kellu jiddeċiedi kwalunkwe vertenza fil-kors tal-proċeduri. Il-miżura li ttieħdet mill-Prim' Imħallef meta

għamel l-ordni inkwistjoni b'ebda mod ma imminat l-indipendenza individwali ta' xi ġudikant.

**25.** Inoltre, l-allokazzjoni tal-kawżi inkwistjoni kienet determinata b'fattur oġġettiv u ċioe` bil-fatt li l-kawżi inkwistjoni kienu kollha konnessi bejniethom għaliex kienu jinvolvu materja li kienet timpinġi fuq il-proċess ta' likwidazzjoni u distribuzzjoni tal-assi ta' Bank li kien ġie ordnat l-istralċ tiegħu skont il-liġi u li l-assi tiegħu kienu involuti fil-kawżi kollha inkwistjoni. Ma jirriżulta li kien hemm ebda influwenza da parti ta' xi waħda mill-partijiet, jew da parti ta' xi ħadd interessat fl-eżitu tad-diversi kawżi, fuq il-miżura li ttieħdet u ma ġie pruvat b'ebda mod li b'effett tal-istess miżura ser ikun hemm xi dewmien irraġjonevoli f'xi waħda mill-kawżi li fihom ir-rikorrent appellant huwa parti. Dik il-miżura, anzi, fiha nfisha għandu jkollha l-effett li komplessivament il-proċeduri relattivi jiġu aċċellerati bl-eliminazzjoni ta' ħafna dilungar dovut għall-fatt li d-diversi kawżi kienu qegħdin jinstemgħu quddiem Imħallfin diversi.

**26.** L-appellant jallega wkoll li l-miżura inkwistjoni hi in vjolazzjoni tal-Artikoli 733 u 734 tal-Kap. 12 li jipprovdi għaċ-ċirkostanzi li fihom Imħallef jista' jastjeni jew jiġi rikużat. Il-Qorti ssib diffikulta` tifhem il-loġika ġuridika ta' din is-sottomissjoni. Il-miżura *de quo* ma kienet tinvolvi ebda rikuża jew astenzjoni ta' xi ġudikant u għalhekk l-artikoli ċitati ma għandhom ebda rilevanza fir-rigward. Hawnhekk si tratta ta' miżura organizzattiva li permezz tagħha diversi kawżi konnessi bejniethom bin-natura tal-materja li kienu jitrattaw u li kien hemm involuti fihom partijiet diversi pendenti quddiem diversi Imħallfin ġew miġbura flimkien sabiex jiġu trattati minn Imħallef wieħed a benefiċċju ta' ġestjoni aħjar u aktar effiċjenti tal-istess kawżi.

**27.** Dan apparti l-konsiderazzjoni li l-fatt biss li miżura tkun tikser xi dispożizzjoni oħra tal-liġi ma jfissirx neċessarjament li dan jirriżulta fi vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli.

**28.** Kif ingħad, iżda, il-miżura inkwistjoni ttieħdet kif awtorizzata li tittieħed bl-Artikolu 29(8) tal-Kap. 12.

**29.** Għalhekk din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, issib li l-Artikolu 29 tal-Kap. 12 u s-subinċiżi relevanti tiegħu ma jivvjolawx id-dritt fundamentali għal-smigħ xieraq u anqas issib tali vjolazzjoni fil-miżura li ttieħdet permezz tal-ordni tal-25 ta' Gunju 2010 li permezz tiegħu l-kawzi elenkati f'dak l-ordni ġew ttrasferiti biex ikomplu jinstemgħu mill-Qorti preseduta mill-Imhallef Giannino Caruana Demajo.

**Deċide**

Għall-motivi premessi, l-Qorti tiċħad l-appell tal-appellant Cecil Pace u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------